**Darba Waħda kien hemm Tajra …**

Darba waħda kien hemm tajra sabiħa li kienet magħmula mill-karti tat-tajr u kellha tpinġija tal-qamar u l-kwiekeb. Sidha kien daqsxejn ta' tifel. Għodwa waħda waqt li t-tifel kien qed itajjarha fl-għoli f'ġurnata b'ħafna riħ, din ħarbitlu minn idu. It-tajra taret fil-għoli u bdiet tmur minn raħal għal ieħor ta' Malta.

Minn hemm fuq hija setgħet tara ħafna knejjes b'koppli kbar daqs dinja u djar qodma, kbar u żgħar imma dejjem sbieħ. Hekk kif marret Burmarrad bdiet tara ħafna għelieqi żgħar imdawrin b'ħitan tas-sejjieħ. Rat ukoll giren u rziezet qodma tal-bidwi Malti. Kompliet ittir sakemm waslet Marsaxlokk, fejn rat ħafna luzzijiet b'kuluri sbieħ, u port kenni tad-dgħajjes.

Hekk kif waslet il-Belt Valletta rat ħafna bini sabiħ u antik. Bdiet tieħu gost ħafna u xtaqet li tqatta' ħajjitha ddur madwar l-irħula sbieħ ta' Malta. Taret fuq l-Imdina u rat belt sabiħa u siekta b'veduti mill-isbaħ u djar antiki.

Hekk kif kompliet iddur rat bosta ħwienet kbar, lukandi lussużi, sptarijiet, djar, irħula żgħar fil-kampanja, postijiet ta' divertiment, banek u mitt elf ħaġ'oħra.

Hekk kif beda jidlam it-tajra ddeċidiet li tieħu nagħsa qalb is-siġar tal-kampanja biex għall-ġurnata ta' wara terġa' tieħu titjira oħra sabiħa madwar il-gżejjer Maltin.

---